# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta’ nhar il-Hamis 18 ta’ April, 2002 .

### Citazzjoni numru : 79/2001G1(PC)

Carmel u Emanuela konjugi Mifsud, f’isimhom proprju u bhala legittimi rapprezentanti ta’ Ursola maghrufa bhala Elsie xebba Mifsud, binthom minorenni .

VS

Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex .

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew :

Illi binthom Ursola Maria-margerita Clara Mifsud twieldet fi Craig Hospital, Victoria fl-erbgha (4) ta’ Lulju elf disa’ mija erbgha u tmenin (04/07/1984) u t-twelid taghha gie registrat fir-Registru Pubbliku Ghawdex bin-numru progressiv mitejn u hamsa u disghin tal-istess sena (295/1984) ;

Illi ghalkemm f’dan l-att, hemm indikat illi l-“*Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha”* huwa Ursola, l-esponenti minn dejjem kienet maghrufa bhala **Elsie,** u huwa dan l-isem Elsie illi l-atturi u hija nnifisha personalment u l-familja u konoxxenti taghha minn dejjem uzaw b’referenza ghaliha u l-isem li fih hija kienet konsistentement imsejha ;

Illi ghaldaqstant l-atturi jixtiequ illi l-isem “Elsie” jigi registrat bhala l-isem li bih minn dejjem kienet maghrufa l-imsemmija binthom .

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti :

1. Illi huwa l-isem “**Elsie”** li huwa l-isem li minn dejjem intuza bhala l-isem tal-istess binthom minnha u mill-familjari taghha, u l-isem li fih bint l-atturi kienet konsistentement imsejha minflok l-isem ‘Ursola’ illi jidher fuq l-att tat-twelid taghha ;

2. Konsegwentement tordna il-bdil ossia korrezzjoni tal-att tat-twelid numru 295/1984, cioe’ l-att tat-twelid ta’ Ursola, Maria-Margerita, Clara Mifsud billi fit-“*Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha”* l-isem “Ursola” jigi sostitwit bl-isem ‘Elsie’ ;

3. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni tal-istess att tat-twelid Numru : 295/1984, billi fil-kolonna ismijiet moghtija (fit-taghrif dwar it-tarbija) l-isem Ursola jigi sostitwit bl-isem “Elsie” .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess atturi debitament ikkonfermata bil-gurament minnhom .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma’ l-istess citazzjoni, u cioe’ bhala dokument “A” att tat-twelid numru 295/1984; bhala dokument “B” certifikat minn Sir Michaelang Refalo Centre for Further Studies, u bhala dokument “C”, kopja ta’ karta ta’ l-Identita’ ta’ Elsie Mifsud; bhala dokument “D” kopja tal-cashlink card ta’ Elsie Mifsud, u bhala dokument “E” kopja tal-istatements tal-bank ta’ Elsie Mifsud .

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur Tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha huwa eccepixxa :

1. Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba salv li jkunu l-ahjar u sodisfacenti skond il-ligi .

2. Illi huwa m’ghandux ibati spejjez .

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenut debitament ikkonfermata minn Nutar Dottor Mary Debono Borg fil-kwalita’ taghha ta’ Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex .

Rat id-debita notifikazzjoni ta’ din il-kawza fil-gazzetta tal-gvern, tat-2 ta’ Ottubru 2001 .

Rat il-verbal taghha tal-25 ta’ Jannar 2002, fejn ordnat il-korrezzjoni ta’ din ic-citazzjoni billi ziedet talba numru tlieta bil-kliem “**konsegwentement tordna l-korrezzjoni tal-istess att tat-twelid Numru : 295/1984, billi fil-kolonna Ismijiet moghtija (fit-taghrif dwar it-tarbija) l-isem Ursula jigi sostitwit bl-isem ‘Elsie’ .**

Semghet lill-attur Carmel Mifsud jixhed .

Rat l-atti l-ohra tal-kawza,

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' binthom l-imsemmija Ursola Maria Margerita Clara Mifsud, bil-mod indikat fl-istess citazzjoni .

Il-Qorti wara li ezaminat ic-certifikati kollha u dokumenti l-ohra esebiti mill-istess atturi flimkien ma' din ic-citazzjoni, u peress illi jidhrilha li t-talbiet attrici huma gustifikati, u fin-nuqqas ta' oppozizzjoni da parti tal-konvenut Direttur tar=Registru Pubbliku ghal Ghawdex, jidhrilha illi l-istess talbiet attrici huma gustifikati, u ghalhekk tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici u tiddikjara :

1. Illi l-isem "Elsie" huwa l-isem li minn dejjem intuza bhala l-isem ta' l-istess binthom minnha u mill-familjari taghha. u l-isem li fih bint l-atturi kienet konsistentement imsejha minflok l-isem "Ursola" kif jidher fuq l-att tat-twelid taghha :
2. Konsegwentement tordna l-bdil ossia korrezzjoni tal-att tat-twelid numru 295/1984, cioe' l-att tat-twelid ta' Ursola, Maria-Margerita, Clara Mifsud billi fil-kolonna ndikata bl-"Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha", l-isem Ursola jigi sostitwit bl-isem "**Elsie" ;**
3. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni tal-istess att tat-twelid Numru: 295/1984, billi fil-kolonna ismijiet moghtija (fit-taghrif dwar it-tarbija), l-isem Ursula jigi sostitwit bl-isem Elsie .

Din il-kawza peress illi hija kawza ghall-korrezzjoni f'certifikat tat-twelid, ma ghandux ikun hemm spejjez .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S7901G1(Pc)
710